MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 44/1997/1

**Pauline Caruana u Paolo Colamarino.**

**vs**

**Spiro u Carmen konjugi Mangion.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti kienu ghamlu ma' l-attur zewg skritturi ta' *locatio operis* (Dok. "A" u "B") bhala *Assistant Chef* u *Chef* fid-'*Dominos Restaurant'* rispettivament propjeta` tal-konvenuti u dan ghall-perjodu ta' sena mid-29 ta' Marzu 1995, bis-salarju u kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti ta' xoghol tad-29 ta' Marzu 1995 kif modifikat rispettivament b'zewg skritturi ohra ta' l-1 ta' April 1995 (Dok. "C" u "D") li

kellhom jiffurmaw parti integrali mill-iskritturi precedenti li kienu qed jimmodifikaw.

Illi l-konvenuti fil-15 ta' Mejju 1995 illegalment u minghajr raguni valida fil-ligi, tterminaw il-kuntratti ta' xoghol ma' l-atturi prematurament kif kontemplat fil-klawsola (g) ta' l-iskritturi imsemmija u bhala l-partijiet aggravati l-atturi ghandhom dritt ghall-penali dovuta lilhom ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) kull wiehed.

Illi l-konvenuti lanqas hallsu lill-atturi s-salarju mill-1 ta' Mejju 1995 sal-15 ta' Mejju 1995, cjoe` s-salarju ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275) dovuti lill-attrici Pauline Caruana u tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375) dovuti lil Paolo Colamarino kif ukoll il-kummissjoni kif stipulata fil-klawsola (c) ta' l-iskritturi ta' l-1 ta' April 1995.

Illi l-kummissjoni bhala percentwali trid tigi kwantifikata u likwidata skond informazzjoni li jridu jfornu l-konvenuti in subizzjoni.

Illi ghalhekk talbu l-stess atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici Pauline Caruana s-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm2,275) *oltre* l-ammont ta' kummissjoni ta' 2% li trid tigi likwidata minn din il-Qorti, lill-attur Paolo Colamarino s-somma ta' elfejn, tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm2,375) *oltre* l-ammont ta' kummissjoni ta' 3% li trid tigi likwidata minn din il-Qorti prevja d-dikjarazzjoni illi l-kuntratti ta' xoghol fuq indikati gew terminati prematurament mill-konvenuti bla ebda raguni valida fil-ligi.

2. Tillikwida l-kummissjoni dovuta lill-atturi skond l-iskritturi ta' l-1 ta' April 1995 ghall-perjodu mill-1 ta' Mejju 1995 sal-15 ta' Mejju 1995.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi sehemhom mill-kummissjoni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;
Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 1997;

Rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Dicembru 1997;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol.26 tal-process fejn eccepew illi :-

1. Illi huma qatt ma tterminaw l-impjieg ta' l-atturi u ghadhom sa llum ma jafux ghaliex l-atturi ma marrux lura x-xoghol wara l-Mother's Day ta' l-1995 u dan minghajr ebda preavviz u bi ksur taz-zewg skritturi msemmija fic-citazzjoni;

2. Illi huma l-atturi li kisru l-kundizzjonijiet imnizzla fiz-zewg skritturi u ghalhekk huma ghandhom ihallsu l-penali ta' elfejn lira (Lm2,000) kull wiehed u mhux il-konvenuti;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

4. Illi huma m'ghandhomx ibghatu spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.26 *et seq.* tal-process;

Rat ir-rikonvenzjoni tal-konvenuti a fol.28 *et seq* tal-process fejn ippremettew:-

Illi l-konvenuti kienu ghamlu ma' l-atturi zewg skritturi ta' *locatio operis* bhala *Assistant Chef* u *Executive Chef* fid-'Dominos Restaurant' li jinsab f'Halel Street, Bugibba, u li huwa propjeta` tal-konvenuti, u dan ghall-perjodu ta' sena mill-1 ta' April 1995, bis-salarju w kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti ta' mpjieg tad-29 ta' Marzu 1995 (annessi mac-citazzjoni ta' l-atturi u mmarkati Dok. "A" u Dok. "B" rispettivament) hekk kif modifikati rispettivament b'zewg skritturi ohra ta' l-1 ta' April 1995 (annessa mac-citazzjoni ta' l-attur u mmarkat bhala Dok. "C") li kollha kellhom jiffurmaw parti ntegrali tal-kuntratti ta' mpjieg;

Illi l-atturi minhabba incident li nqala` mat-tifla tal-konvenuti, Judie, dakinhar tal-Mother’s Day ta’ l-1995, iddecidew minn jeddhom minghajr ebda raguni valida fil-fatt u fil-ligi u minghajr ebda preavviz, kif ukoll bi ksur ta’ l-iskritturi fuq imsemmija, li jitterminaw prematurament l-impjieg taghhom mal-konvenuti u dan billi qabdu w ma marrux ghax-xoghol;

Illi skond il-klawsola (g) tal-kuntratti ta’ mpjieg fuq imsemmija l-konvenuti bhala l-parti aggravat ghandhom dritt ghall-penali dovuta lilhom ta’ elfejn lira (Lm2,000) kull wiehed.

Illi ghalhekk il-konvenuti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-atturi tterminaw il-kuntratti ta’ mpjieg fuq imsemmija prematurament u bi ksur ta’ l-istess kuntratti;

2. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti s-somma ta’ elfejn lira (Lm2000) kull wiehed bhala penali kif stipulat fil-klawsola (g) taz-zewg kuntratti ta’ mpjieg;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-atturi u bl-ingunzjoni ta’ l-atturi ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom a fol. 29 *et seq* tal-process;
Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta’ Dicembru 1997; tal-21 ta’ Jannar 1998; tal-15 ta’ Gunju 1998 fejn xehdet il-konvenuta in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-atturi li permezz taghha esebew l-affidavits taghhom;

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta’ Novembru 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Anthony Ellul biex jisma’ l-provi;

Rat is-seduti mizmuma mill-istess Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' Frar 2000; tat-12 ta' Mejju 2000; tat-13 ta' Ottubru 2000; tat-22 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Anthony Ellul u minfloku nnominat lil Dr. Josette Demicoli;

Rat is-seduti mizmuma mill-istess Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Frar 2001; tal-5 ta' April 2001; tas-6 ta' Gunju 2001; ta' l-24 ta' Ottubru 2001; tat-8 ta' Jannar 2002; tal-5 ta' Marzu 2002; tal-15 ta' Mejju 2002; tad-29 ta' Ottubru 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kaz. Dr Fenech talab li jaghmel nota ta' l-osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' l-osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2003.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2003 fejn peress li l-Qorti ghandha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. MERTU TAL-KAWZA ODJERNA

Illi l-atturi pprezentaw il-kawza odjerna abbazi tal-kuntratti tal-impjieg li kellhom mal-konvenuti fejn qed jallegaw li l-impjieg taghhom gie tterminat bla ebda raguni valida fil-ligi u kwindi apparti l-pagi spettanti lilhom ta' l-ahhar hmistax li hadmu u ma thallsux taghhom qed jippretendu wkoll il-hlas tal-penali.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom eccepew illi huma qatt ma tterminaw l-impjieg tal-atturi u ghadhom sa llum ma jafux ghaliex l-atturi ma marrux lura x-xoghol wara "Jum l-Omm" tal-1995 u dan minghajr preavviz u bi ksur taz-

zewg skritturi. Illi ghalhekk minhabba li kienu l-atturi li kisru l-kundizzjonijiet huma ghandhom ihallsu l-penali ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) kull wiehed. Infatti pprezentaw kontro-talba ghal dan l-iskop.

## III. PROVI PRODOTTI

Illi l**-konvenuta** in subizzjoni xehdet li l-atturi ghamlu zmien impjegati maghha ghal madwar xahrejn jew tliet xhur. Huma kienu telqu fil-Mother's Day. Kien hemm kuntratt bejn il-partijiet ghal sena. Infatti hi kkonfermat Dok. "A" u Dok. "B" (a fol.5 u 9 tal-process) li huma kopji tal-*contract of service* datati 29 ta' Marzu, 1995. Hija qalet li hu minnu li d-difensur tal-atturi kitbilha biex thallashom ghall-perjodu kollu tal-kuntratt, u li fit-18 ta' Lulju 1995 kienu baghtulha ittra ufficjali ghall-istess skop. Kien sar inkontru bejn il-partijiet fl-ufficcju ta' l-Avukat Dr Joseph Fenech biex jirrangaw bonarjament, pero' hi ma kinitx prezenti ghax marru bintha Julie Chalker u l-*boyfriend* taghha. Hija qatt ma ltaqghet flimkien ma' l-Avukat taghha ma' Dr. Fenech fl-edificju tal-Qorti xi zmien qabel ma bdiet din il-kawza.
Illi hi qalet li saret taf li l-atturi kienu telqu mill-impjieg minn konversazzjoni li semghet minn fuq it-telefon bejn l-attrici u Heidi li kienet impjegata bhala fattiga. L-attrici qalet lil Heidi x'bicca kienet ghamlitilha li kixfitha li kienet qed tisraq lill-konvenuta. Din it-telefonata saret wara illi l-atturi telqu minn fuq ix-xoghol. Huma kienu telqu fid-9.00 ta' filghaxija.

Illi fl-affidavit taghha **Pauline Caruana** xehdet li hi u l-partner taghha Paolo Colamarino kienu jahdmu fil-lukanda ta' Cenc, Ghawdex bhal *assistant cook* u *cook* rispettivament. Certu Noel li kien *barman* hajjarhom biex imorru jahdmu mal-konvenuti. Xi sentejn wara gew jahdmu Malta, iltaqghu mal-konvenuti u talbithom biex jiltaqghu u jitkellmu ghax xtaqithom jahdmu maghha. Hekk ghamlu u ridiethom jidhlu bhala *partners* pero' huma nsistew li jaghmlu perjodu jahdmu maghha bhala mpjegati biex isiru jafu lil xulxin qabel ma jiehdu decizjoni sinili. Infatti bdew jahdmu maghha xi gimgha jew gimghatejn

qabel sar il-kuntratt tax-xoghol. Meta bdew jahdmu rat il-familja Mangion kienu kull tant jifthu l-*cash register* billi jghafsu buttuna minn taht u jiehdu l-flus. B’hekk iddecidew li riedu jahdmu biss bhala mpjegati.

Illi l-attrici talbet kugin taghha jipprepara l-kuntratt u ftehmu li jahdmulha bil-kundizzjonijiet u ghaz-zmien li hemm fil-kuntratti tax-xoghol ezebiti fil-process u hekk hadmu.

Illi hi xehdet li damu xahrejn jew xahrejn u nofs jahdmu mal-konvenuta u kienu jircievu hafna kumplimenti mill-klijenti dwar il-kwalita’ u l-prezentazzjoni ta’ l-ikel. Sadanittant wasal lura iben il-konvenuta Michael minn Thailand fejn kien jghix u l-konvenuta kienet inkwetata ghax qalet li binha kollu nkwiet, ghazzien u dejjem jitlobha l-flus. Qaltilhom ukoll li t-tifel riedha tkeccihom biex bil-flus li kienet thallashom tixtrilu “Jeep.”

Illi gurnata minnhom Paolo Colamarino hareg barra l-bieb ipejjep sigarett flimkien ma' ’mpjegata ohra certa Shelley. F’daqqa wahda harget il-konvenuta tghajjat u tghidilhom li ma riditx *meetings,* biex jitilqu ‘l barra dak il-hin u tghajjarhom hallelin. Ix-xhud kienet wara l-bank u harget barra biex tara x’gara u rat lill-konvenuta tghajjat u twerzaq bis-sikkina f’idha u tghid *“itilqu ‘l barra, ma rriedkomx aktar hawn ghax noqtolkom ja hallelin”.* Meta x-xhud staqsietha f’xiex kienu hallelin, Carmen Mangion kompliet twerzaq, theddidhom u tkecciehom ‘il barra. L-attrici dahlet fil-kcina ggib in-nuccali u l-konvenuta marret warajha bis-sikkina u huma telqu ‘l barra u marru ghamlu rapport l-ghassa tal-Qawra.

Illi ftit jiem wara marru jkellmu lill-avukat taghhom. Huma damu xi tliet xhur qabel ma sabu xoghol iehor il-*“Palm Court”.* L-avukat kitbilhom. Saru xi nkontri u l-allegazzjoni tal-konvenuti ghaliex tkeccew kienet li l-ikel ma kienx ikun imsajjar tajjeb u li kienu serquhom. L-avukat taghhom offra lill-atturi elf lira Maltija (Lm1,000) ghas-saldu izda huma rrifjutaw l-offerta. *Inoltre’* l-attrici cahdet dak li qalet il-konvenuta rigward il-fatt allegat li l-attrici cemplet lil Heidi Said u dan kemm fuq ix-xoghol jew x’imkien iehor.

L-attrici kienet  taht l-impressjoni li dak iz-zmien Heidi Said lanqas kienet ghada mpjegata mal-konvenuti.

Illi fix-xhieda taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju hi kkonfermat l-affidavit u l-kontenut tieghu. Ikkonfermat li Shelley Polidano kienet *waitress* fir-restaurant Dominoes. Hija kienet tinzerta ta’ spiss u kien ikun hemm ukoll l-gharus taghha ta’ nazzjonalita’ Gharbija li kien jahsel il-platti. Il-konvenuta kienet ta’ spiss tkun fir-restaurant u kienet tmexxih hi. Il-konvenuti qatt ma lmentaw maghhom dwar ix-xoghol taghhom u kemm damu jahdmu hemm qatt ma kellhom ilmenti minghand il-klijenti. Qatt ma nghataw xi *warnings* bil-fomm jew bil-miktub mill-principali taghhom.

Illi hija qalet li Shelley Polidano kienet haga wahda mal-konvenuta. Pero’ darba wara li l-atturi kienu tkeccew mill-impjieg, iltaqghu maghha l-Belt u heggithom biex jipprocedu bil-Qorti ghax ma kienx jixirqilhom li ghamlitilhom.

Illi dwar l-incident qalet li kien sehh fil-bieb li jaghti ghall-kcina. Il-konvenuta dahlet b’sikkina tal-laham u mhux biex taqta’ l-lumi. Shelley u l-gharus taghha raw l-incident. Xi kultant Carmen Mangion kienet tghinhom fit-tisjir imma mhux dakinhar ta’ l-incident. Qabel l-incident qatt ma kellhom kwistjoni mal-konvenuti u kienu kuntenti fuq il-post tax-xoghol. Hi cahdet li fil-hin li nqala’ l-incident kien hemm restaurant mimli nies. Kien ghal habta tad-9.00 p.m. u fir-*restaurant* kien hemm ftit nies. It-tifla tal-konvenuta kienet biss qeghda tipprova tikkalma lil ommha. Il-kcina kienet accessibbli ghall-konvenuta u l-familja u l-impjegati. Fl-ahharnett qalet li qatt ma nghataw avviz ta’ terminazzjoni ta’ l-impjieg.

Illi fl-affidavit tieghu **Paolo Colamarino** kkonferma u kkorobora dak li qalet Pauline Caruana u a skans ta’ ripetizzjoni mhux se tigi riprodotta.

Illi meta xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju kkonferma dak li qal fl-affidavit. Hu qal li matul l-ahhar gimgha li ghamlu jahdmu fir-restaurant il-konvenuta kienet

kontinwament tahtfu ghal kull haga li kien qed jaghmel. F'Jum l-Omm kien hemm  restaurant mimli nies. Hu cahad li kienu jaghtu porzjonijiet zghar – kienu jaghtuhom normali. Kemm Shelley kif ukoll il-konvenuta kienu jifhmu bit-Taljan. Hu qal li meta nnegozjaw il-kuntratt ta' mpjieg u ffirmawh il-partijiet kollha kienu kuntenti. Hu qal ukoll li dejjem thallsu s-salarju fil-pront hlief ghall-ahhar hmistax-il gurnata.

Illi fil-hin ta' l-incident il-konvenuta ma kinitx qeghda tghin fil-kcina u x-xoghol kien lest. Kienet hi li kecciethom dak il-hin li nqala' l-incident. Fil-parti l-kbira l-konvenuta kienet dejjem prezenti fir-restaurant. Qabel dan l-incident qatt ma kien hemm inkwiet mal-konvenuti u fil-bidu riedu lill-atturi li jkunu *partners* maghhom fin-negozju.

Illi in kontro-ezami gie mistoqsi jekk l-ghada li allegatament tkecca marx lura x-xoghol qal li le u filghaxija stess marru ghand il-Pulizija. Hu ma marx ghax beza' minhabba li hedditu bis-sikkina. Huwa ma jafx x'gara mill-proceduri kriminali li setghu ttiehdu kontra l-konvenuta. Carmen Mangion kienet taf titkellem bit-Taljan. Huwa cahad li dakinhar ta' l-incident kien iggieled mat-tifla tal-konvenuta. Huwa kien tkellem maghha ftit jiem qabel Jum l-Omm biex isir jaf ghaliex ommha ma kinitx qed tkellimhom u hi qaltlu biex ikellem lilha.

Illi dakinhar tal-incident spjega li huwa u l-attrici Pauline Caruana kienu qed jahdmu fil-kcina. Ghall-habta tat-8.30/8.45 p.m. huwa hareg barra biex ipejjep sigarett u kien qed jitkellem ma' mpjegata ohra. Wara xi ghaxar minuti l-konvenuta marret hdejhom tghajjat li ma rieditx *meetings.* Hu dahal jiehu l-fardal u l-gakketta u l-attrici kienet wara l-bank. Il-konvenuta dahlet mieghu, kien hemm sikkina fuq il-mejda, qabditu u bdiet tkecciehom, tghidilhom li ma ridithomx aktar u heddithom li kienet se toqtolhom. Illi huwa cahad li qatt tkellem hazin fuq il-konvenuta quddiem bintha. Jaf li skond il-kuntratt ma setax ipejjep gewwa.

Illi meta telqu mir-*restaurant* hadu biss il-fradal. Huwa cahad li kien inqala' xi paroli bejn l-attrici u bint il-

konvenuta. Huwa gie mistoqsi dwar postijiet ohra fejn hadem ghal ftit ta' zmien pero' cahad li kellhom problemi mas-sidien taghhom imma kellu ragunijiet ohra.

Illi **Dr. Mark Busuttil**, kugin ta' Pauline Caruana, xehed li jaf li l-atturi kienu jahdmu f'restaurants gewwa l-Italja. Dan jafu ghax mar iqatta' xi zmien ghandhom. Huma kienu jahdmu f'diversi lukandi f'Ghawdex ta' livell gholi. Huwa kkonferma li l-kuntratti ta' l-impjieg li jinsabu a fol.5 sa 13 tal-process ippreparhom hu u l-partijiet iffirmaw quddiemu. Wara li sar il-kuntratt hu ma regax dahal fuq il-kaz.

Illi hu qal li l-proposta inizjali kienet li l-qliegh jinqasam mas-sidien tal-post. Skond dawn il-proposti l-konvenuti kellhom jibqghu jamministraw il-finanzi tan-negozju fosthom il-*cash register.* Kien sar perjodu ta' prova qasir izda l-proposta ma rnexxitx u saru l-kuntratti. Fiz-zmien tal-prova, hu mar diversi drabi fir-restaurant in kwistjoni u mar anke fir-residenza tal-konvenuti biex jiddiskutu. Hu qal li meta mar fir-restaurant gieli ra membri tal-familja tal-konvenuti u persuni ohra li jaghmlu uzu mill-*cash register* u jiehdu l-flus. L-atturi ma kenux qablu li jsir dan il-ftehim peress li ma kienx ser ikollhom kontroll fuq l-introjtu tar-restaurant u b'hekk riedu li jimpjegaw ruhhom b'salarju. Mill-ewwel sar tibdil fl-arredament tar-restaurant fil-pozittiv u dawn ghadhom hemm sal-lum.

Illi l-konvenuta gergret mieghu li kellha tifel li kien qed jinkwetaha u ammettiet mieghu li dan kien jiehu l-flus mill-*cash register* u skond hi dan kien qed jeffetwa d-dhul min-negozju. Kienet il-konvenuta stess li qaltlu li kienet semghet bl-atturi u kien ilha ssus warajhom u kienet anzjuza li jsehh il-ftehim ghax kien diehel is-sajf.

Illi l-iskritturi ta' mpjieg saru fuq suggeriment tieghu u dan irrispettivament mill-qliegh tar-restaurant. Il-klawsoli fil-kuntratti li taghmel referenza ghall-penali kien introducieha huwa.

Illi in kontro-ezami qal li ma jaf xejn dwar l-incident li sehh f'jum l-omm u lanqas jaf ghaliex l-atturi spiccaw mill-impjieg. Wara xi zmien li gew iffirmati l-iskritturi l-attrici

kkomunikat mieghu u gharrfitu illi l-konvenuta ma riditx li jibqghu fl-impjieg. Hu ma jafx li qatt kien hemm ilmenti dwar l-atturi. F'kull post li hadmu qatt ma jaf li kien hemm ilment dwar il-kwalita' ta' xoghol taghhom. B'referenza ghall-iskritturi l-ammonti msemmija kienu miftehma minn qabel.

Illi **Dr. Joseph Fenech** xehed li l-atturi marru jkellmuh l-ufficcju u gharrfuh li l-konvenuta kienet kecciethom mill-impjieg. Hu kiteb lill-konvenuti u nterpellhom biex jersqu ghall-hlas. Dr. Michael Sciriha ghall-konvenuti baghat risposta. B'hekk iltaqghu bonarjament fl-ufficcju ta' Dr. Fenech li ghaliha kien hemm prezenti l-atturi, it-tifla u r-ragel taghha, minghalih il-konvenuta u Dr. Michael Sciriha. Kienet saret offerta biex il-konvenuti jhallsu lill-klijenti tieghu elf lira Maltija (Lm1,000) izda huma m'accettawx. Illi in kontro-ezami qal li s-somma proposta kienet fuq struzzjonijiet tal-konvenuti.

Illi l-konvenuta **Carmen Mangion** qalet li hi ma taqbilx mal-affidavits ta' l-atturi ghax mhux veru gara kif qed jallegaw huma. Illi hi spjegat li x-xoghol taghha kien wara l-bar, isservi n-nies fir-restaurant u tara kif hergin l-affarijiet u taghmel il-kontijiet. Fid-9.00 p.m. dakinhar ta' 'Jum l-Omm' ir-restaurant kien mimli mhux hazin. Ghall-habta tad-9.00p.m. hi kienet wara l-bar, it-tifla Julie Chalker dahlet fil-kcina u nstema' ghajjat. Hi dahlet fil-kcina biex twaqqaf lit-tifla. It-tifla u l-atturi kienu kollha fil-parapett. L-atturi kienu fil-bidu tat-tarag, fuq il-banketta. Sabet lill-attrici Pauline Caruana u lil bintha jitkellmu jghajtu izda ma tafx ezattament x'kienu qed jghidu. Hi qalet lit-tifla biex tidhol gewwa biex taqbad issajjar.

Illi x-xhud spjegat li qalet lit-tifla biex thalli lill-attrici titlaq ghax xi tlett ijiem qabel certu Heidi kienet qaltilha li l-atturi kienu qed jisirquha imma peress li kienet waslet Jum l-Omm ma qalet xejn. Skond din Heidi l-attrici kienet tiehu basket kbir maghha. Hi cahdet pero' li kecciethom. Hi spjegat li proprja riedet tnehhih il-hanut ghax it-tifla kienet iddejqet u marru jahdmu maghha. Hi qalet *"Jien kont happy hafna bihom. Jien kont nafdahom."* L-attur kien kok tajjeb – *"huma kienu tajbin".* Wara l-incident huma telqu u

t-tfal taghha bdew jahdmu fil-kcina. Rigward l-incident hi kkonfermat li qalet lil bintha biex thallihom jitilqu ghax kienu qed jisirquha pero' cahdet li heddet li toqtolhom. Lanqas m'hu minnu li marret wara Pauline Caruana fil-kcina bis-sikkina. Fuq is-sikkina qalet li hi harget b'lumija f'idejha u s-sikkina tal-lumi. Huma s-skieken haduhom. Meta kienu barra, qabel ma hi marret fil-kcina kienu diga' gabru l-affarijiet taghhom. Hija qalet li ma hargitx biex taghtiha bis-sikkina.

Illi hi qalet li minn dakinhar ta' l-incident l-atturi qatt ma regghu ppruvaw jidhlu. Hi ma kecciethomx ghax kienet kuntenta bihom tant li nefqet il-flus ghalihom ghax riedu hafna affarijiet. Wara li telqu ghamlet biss xi sitt (6) xhur imbaghad qalbu *Chinese restaurant*. Bicciet mill-affarijiet bieghuhom bix-xejn u ohrajn ghadhom ghandha. Bintha ma kellha l-ebda poter biex tiehu decizjonijiet dwar l-impjieg taghha. Wara li l-atturi telqu huma tilfu n-nies. Hi qalet li qatt ma kienet prezenti fl-ufficcju ta' Dr. Fenech u qatt ma rceviet kontijiet minghand Dr. Mark Busuttil.

Illi in kontro-ezami sostniet li l-atturi zgur kellhom skieken ghalkemm ma tafx kemm kellhom ghax ma tiftakarx. Hi qalet li kull *chef* ikollu. Il-konvenuti ftit kellhom skieken.

Illi rigward dak li qal Dr. Busuttil li hi ntrabtet mieghu biex thallsu, li bghatilha l-kont u ma hallsitux qalet li mhux veru. Hi qalet li kienet offrietilhom biex isiru shab izda fuq flus ma tkellmux u ma saret l-ebda prova. Hija qalet li ma taqbilx ukoll li kienet gergret mieghu fuq it-tifel, u jekk dan kien jitlobha l-flus kienet tghidlu biex jiehu. Veru kien jiehu pero' parti mill-flus kienu tieghu, anzi hu kellu flus aktar minnha. Illi hija cahdet ukoll li nkarigat lil Dr. Sciriha biex joffri xi flus lill-atturi.

Illi meta l-atturi telqu ma ppruvatx tkellimhom u tara x'gara ghalkemm ma kinitx kuntenta li telqu. Wara dik il-problema ma kellhomx ghalfejn jergghu jiltaqghu ghax ma tistax tahdem flimkien aktar. Hija xorta talbet flus ghall-penali ghax hi sostniet li tilfet il-flus partikolarment ghall-investiment li hi ghamlet ghax kellha mohha mistrieh li l-kcina kienet f'idejhom.

Illi **Julie Chalker** qalet li l-atturi kienu mpjegati fir-restaurant Bugibba ghall-habta tan-1995. Dwar il-Jum ta' l-Omm qalet li kellhom hafna xoghol. Ommha kienet wara l-bar u hija kienet diehla u hierga gol-kcina sservi. Hi kienet tkun fir-*restaurant* kuljum. Spjegat u esebit pjanta tal-post. Illi minn mindu bdew dakinhar filghodu Pauiline Caruana u Shelley semghethom jghidu kontra t'ommha. Fl-ahhar ma felhitx aktar u qalet lil Pauline kif ma tisthix tghid kontra ommha u hi cahdet u l-argument sahan. Dam xi hames minuti u huma mbaghad hargu ghal fuq il-parapett (immarkat "A" fuq il-pjanta Dok. "JC"), telghu it-tarag, imxew u telqu.

Illi hi qalet li ommha kienet wara l-bar. Meta semghet l-ghajjat marret biex tara x'gara. Pauline u Paolo kienu telghu t-tarag sadanittant (fejn hemm "B" f'Dok. "JC"), fuq il-banketta. Dak il-hin ommha qaltilha biex thallihom imorru ghax riedet tkompli minhabba n-nies li kienu qed jistennew l-ikel. Lilhom il-konvenuta ma kellmithomx pesonalment. Wara li l-atturi telqu sajru x-xhud u zewgha. Skond hija kienet l-attrici li qalet lil Paolo biex imorru u hu ghamel bhal ma qaltlu. Paolo ma kellu x'jaqsam xejn u ma kien qal xejn. Ommha ftit taf bit-Taljan. Qalet li l-atturi kellhom xi skieken u dawn haduhom maghhom. Illi hija qalet li ommha harget bil-lumija u s-sikkina f'idejha imma biex tghajjat. Imbaghad marret biha wara l-bar. Din kienet *"a small…steak knife".*

Illi wara Jum l-Omm ta' l-1995 qatt ma rat lill-atturi fuq xoghol. Kien hemm ittra fuq il-pagi u qalet li qatt ma qalulhom biex ma jmorrux ghalihom. Illi hija qalet li ommha ghamlet investiment kbir billi xtrat ir-restaurant ta' hdejn id-*Dominos, equipment, upgrading* u dan fuq idea ta' l-atturi.

Illi in kontro-ezami qalet li mhux minnu li l-atturi damu erba` (4) xhur biex isibu xoghol. Illi rigward pagi u *commission* ma kienx hemm problemi. Hi qalet li ma tkeccewx. Hija qalet li ma nkarigatx lil Dr. Michael Sciriha biex joffrilhom elf lira Maltija (Lm1,000). Hi ma tafx li

offrilhom u jekk ghamel hekk dan sar kontra l-volonta' taghhom.

Illi hija qalet li ommha kienet kuntenta bihom u bil-prodott taghhom. Qatt ma kellhom xi jghidu, anke Pauline qatt ma kellha xi tghid mal-konvenuta. Hi ghalhekk ma taf bl-ebda raguni ghalfejn allegatament Pauline Caruana bdiet tghid kontra Carmen Mangion. Hi bdiet tghid kontra ommha, kontra l-karattru taghha bazikament li titkellem fuq in-nies, li tindahal u li bdiet tghid fuq Shelley. Hi ma setghetx tiftakar x'kienu l-affarijiet l-ohra pero' taf li kienu kontra ommha. Hi qalet li Paolo bilfors kellu skieken ghax huma ma kellhomx *professional knives* fir-*restaurant*.
Illi **Shelley Polidano** xehdet li hija telqet ghall-Ingilterra fl-1995 lejn l-ahhar tas-sena. L-atturi hadmu mal-konvenuti xi xahrejn jew tlieta. Hi qalet li kif bdew jahdmu l-atturi l-ikel kien johrog bil-mod. Dan sa mill-bidu li bdew fl-impjieg u hi kienet tircievi lmenti fuq hekk u fuq il-fatt li l-porzjonijiet kienu zghar. Hi qalet li lill-konvenuta nfurmatha b'dan. L-ikel kien dejjem tajjeb u qatt ma kien hemm ilment fuq hekk. Rigward il-fatt li l-ikel kien johrog bil-mod qalet li meta kien ikun hemm ftit nies kien johrog sewwa, imma meta kien ikun hemm hafna nies kienu jdumu. Ix-xhud qatt ma qaltilhom xejn fuq hekk lill-atturi ghax ma kienx kompitu taghha.

Illi x-xhud qalet li l-attrici kienet qed tbaxxi lil Carmen Mangion bi kliemha ghalkemm ma tiftakarx il-kliem ezatt. L-attrici kienet qed tkellimha bl-Ingliz. Hi qalet li dan kollu kien qed jikkawza atmosfera ta' tensjoni fil-kcina. Illi Pauline Caruana bdiet titkellem kontra l-konvenuta f'din is-serata partikolari ta' Jum l-Omm. Illi zgur li kien filghaxija u sa fejn taf hi kellhom nies. Julie mbaghad kellha xi tghid ma' l-attrici ghaliex bdiet tghid kontra ommha. Pauline bdiet tittraduci dan kollu lil Paolo.

Illi dwar is-sikkina li kellha f'idejha l-konvenuta x-xhud qalet li kienet wahda biex taqta' l-lumi. Hi qalet li ma' l-atturi qatt ma kellha problemi. Hija ma tiftakarx il-mument meta Paolo, hija u l-gharus taghha kienu qed ipejpu fil-bieb jekk kienx vicin il-mument tal-argument. Hi qalet li

huma hadu l-affarijiet u telqu. Paolo kellu skieken minghaliha ghax kienu jmorru bis-skieken.

Illi Julie sajret ghall-ahhar saghtejn. Il-konvenuta qalet lill-atturi s-segwenti *"if you're not coming back in to work, then leave, so they left."* Illi r-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenuta kienet wahda tajba. Dwar iben il-konvenuta hi qatt ma semghet lil Carmen Mangion tgerger fuqu. Hu kien imur jara lil ommu u ohtu. Gieli kien imur wara l-bar jiehu grokk imma qatt ma ratu jmur lejn il-*cash register.* Hi qalet li meta beda l-argument hija kienet fil-kcina.

Illi qabel l-incident in kwistjoni l-attitudni tal-konvenuta ma kenitx inbidlet. Hi dejjem kienet mill-ahjar – tridek tahdem sod imma qalbha tajba. Qatt m'ghamlet distinzjoni bejn l-impjegati.

Illi rigward il-versjonijiet li taw l-atturi rigward l-incident fl-affidavits hi qalet li ma garax hekk. Il-konvenuta ma griet wara hadd b'sikkina. Il-glieda kienet bejn Julie Chalker u Pauline Caruana. Carmen Mangion dahlet fil-kcina biex tikkalma lil kulhadd. Illi lanqas mhu minnu dak li qalet Pauline Caruana li qaltilhom meta ltaqghu l-Belt b'kumbinazzjoni. Kien vicin l-incident imma hi ma tiftakarx x'qaltilhom pero' ma qaltilhomx li ma kienx gustifikat x'kien gralhom.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li huwa nkontestat illi l-atturi kienu jahdmu mal-konvenuti bhala kok u assistant kok. Kien hemm infatti kuntratti ta' xoghol ghal zmien definit datati 29 ta' Marzu 1995, kif ukoll *addendum* ghall-istess kuntratti datati 1 ta' April 1995 li huma parti ntegrali mill-kuntratt tax-xoghol.

Illi pero' gara illi fil-15 ta' Mejju 1995, f'Jum l-Omm, inqala' ncident li bhala effett tieghu l-atturi spiccaw minghajr xoghol. Illi nfatti l-pern tal-kontestazzjoni kollha hija proprju dwar dan il-fatt. Filwaqt illi l-atturi qed isostnu li gew imkeccija, il-konvenuti min-naha taghhom

jargumentaw li l-atturi qabdu u telqu u b'hekk abbandunaw l-impjieg taghhom.

Illi kwindi mix-xhieda mressqa jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet kontraditorji ghall-ahhar. L-atturi jsostnu li fil-bidu l-konvenuti sa anke rieduhom ikunu shab taghhom fil-*business*, izda huma ndunaw li xi membri familjari u nies ohra kienu jifthu l-*cash register* u jiehdu l-flus u b'hekk iddecidew li riedu jkunu biss impjegati. Illi huma qalu li kienu kuntenti fl-impjieg taghhom u li r-relazzjoni taghhom mal-konvenuta – li kienet tmexxi prattikament hi r-*restaurant* in kwistjoni – kienet wahda tajba. Il-klijenti kienu jikkumplimentawhom ghall-ikel. Illi skond huma l-affarijiet tbiddlu meta iben il-konvenuta gie lura minn barra. Infatti Paolo Colamarino jghid li fl-ahhar gimgha qabel ma spiccaw mix-xoghol il-konvenuta bdiet tahtfu ghal kull haga ta' xejn. Illi l-incident in kwistjoni gara f'jum l-Omm. L-attur kien qed ipejjep sigarett fuq barra ma' mpjegata ohra u qalu li l-konvenuta marret fuqu tghajjat, twerzaq u theddidhom li ma riditx *meetings* u spiccat kecciethom mix-xoghol ghax qalet li kienu hallelin. L-atturi xehdu wkoll li l-konvenuta marret warajhom b'sikkina.

Illi l-verzjoni tal-konvenuta hija totalment differenti. Hija xehdet fis-sens li l-attrici kellha argument ma' bintha Julie Chalker. Infatti din ta' l-ahhar xehdet li kienet ilha gurnata tidhol fil-kcina u ssib lill-attrici tghid kontra ommha ma' impjegata ohra Shelley Polidano u sa fl-ahhar ma felhitx aktar u kellhom xi jghidu. Meta l-konvenuta semghet l-ghajjat marret biex twaqqaf lil bintha u l-atturi spiccaw qabdu l-affarijiet taghhom u telqu. Il-konvenuta qalet lil bintha biex thallihom imorru ghax hekk jew b'hekk kienu qed jisirquha. Hija ma ppruvatx tkellimhom biex imorru lura ghax hasset li ma setghux jahdmu aktar flimkien.

Illi pero' din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-versjoni attrici hija aktar kredibbli, u dak li wassal lill-Qorti ghal din il-konkluzjoni hija li abbazi tal-provi prodotti il-verzjoni tal-konvenuta hija inverosimili, u kif gie deciz diversi drabi l-verosimiljanza hija forma ohra ta' korroborazzjoni. Illi taht dan l-aspett wiehed jinnota li l-konvenuta ammettiet li kienet kuntenta bl-atturi u qalet li ghamlet investiment kbir

minhabba fihom izda dan kollu ma jfissirx, kif taw x'jifhmu l-konvenuti, li ma riditx tkeccihom. Huwa veru li kellha thallas id-dejn izda dan xorta wahda ried jithallas anke li kieku l-atturi baqghu jahdmu maghha. *Inoltre*' l-affarijiet li xtrat zammithom hija.

Illi fil-fatt *nonostante* din l-affermazzjoni mill-istess konvenuta jirrizulta li kienet pero' hija stess li qalet lil bintha biex thallihom imorru (lill-atturi) ghax kienu qed jisirquha, u jidher li *in verita'* kienet dik l-allegazzjoni fuq l-atturi, liema allegazzjoni qatt ma giet ippruvata lanqas f'dawn il-proceduri, li jispjega l-komportament tal-konvenuta fil-konfront ta' l-atturi, u dan jista' jispjega l-agir taghha sproporzjonat fuq l-incident li ta lok ghal din il-pendenza.

Illi f'dan l-isfond huwa aktar sinifikanti pero' dak li xehdet Shelley Polidano meta xehdet illi l-konvenuta qalet lill-atturi li *"if you're not coming back in to work, then leave, so they left."* Illi dan juri bic-car illi in verita' hija kecciethom u taht dan l-aspett il-Qorti hija propensa li taccetta l-versjoni tal-atturi ta' kif gara l-incident li huwa mertu tal-kawza odjerna, u dan kemm peress li jinsab pjenament ikkoroborat mix-xhieda taz-zewg atturi, li hija konsistenti f'dan ir-rigward, u mill-liema verzjoni jirrizulta li l-konvenuta mhux biss kecciet lill-istess atturi izda addirittura hebbet ghalihom b'sikkina u dan biex zgur l-istess atturi jitilqu minn fuq il-post. It-tezi tal-konvenuta li hija kellha sikkina sabiex taqta' lumija ma hijiex konvincenti, kif lanqas treggi l-verzjoni tal-konvenuta li la darba hija kienet kuntenta bix-xoghol ta' l-atturi, ghaliex qatt ma interpellathom, la qatt ma ssostniet li kecciethom, li l-istess atturi jirritornaw ghax-xoghol mill-ghada. Jidher *invece* li hija ma stenniethomx izjed ghax-xoghol wara l-istess incident, u bl-ebda mod ma ghamlet kuntatt maghhom. Fil-fatt il-konvenuta, wara inkontru li sar bejn il-partijiet u d-difensuri sabiex tigi solvuta bonarjament din il-pendenza, sa cahdet ukoll li kienet saret offerta ghall-hlas ta' elf lira Maltija (Lm1,000) lill-attturi, liema offerta gie kkonfermata mhux biss mill-atturi, izda wkoll mill-Avukat Fenech li kien qed jippatrocinja lill-istess, anzi l-istess konvenuta qalet li jekk saret l-offerta din saret minghajr il-

kunsens taghha, allegazzjoni li bl-ebda mod ma giet sostanzjata f’dawn il-proceduri, u dan ukoll ikompli jdghajjef it-tezi ta’ l-istess konvenuta.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li ghalkemm il-konvenuta qed issostni li hija ma keccietx lill-atturi fl-incident *de quo* xorta jibqa’ l-fatt li l-istess konvenuta u l-konvenuti fix-xhieda taghhom ghamlu hafna allegazzjonijiet fil-konfront tal-atturi, li apparti l-fatt li dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati, joholqu inkonsostenza mat-tezi ta’ l-istess konvenuti f’din il-kawza, li l-punt uniku dwarha huwa jekk l-konvenuti keccewx ingustament lill-atturi mill-impjieg taghhom jew le; la darba l-istess konvenuti qed isostnu li huma ma keccewx lill-atturi, izda kienu l-atturi stess li minn jeddhom telqu u abbandunaw ix-xoghol, hija dubjuza sew ir-relevanza tal-istess allegazzjonijiet *da parte* tal-konvenuta.

Illi s-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku l-istess konvenuti ecceppew li huma keccew lill-atturi ghar-raguni valida, izda din qatt ma kienet il-via li hadu l-konvenuti, u dan tant huwa hekk li mhux biss fl-eccezzjonijiet taghhom huma ssottomettew li *“li huma qatt ma itterminaw l-impjieg tal-atturi u ghadhom sa llum ma jafhux ghaliex l-atturi ma marrux lura x-xoghol…”,* izda adirittura pprezentaw kontro-talba fejn qed isostnu li l-atturi bla ebda raguni ma regghux lura ghax-xoghol u ghalhekk harkuhom ghall-ksur tal-kuntratti bejniethom.

Illi intant ghal kull valur li jista’ jkollu jinghad li din il-Qorti thoss li fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet tal-konvenuta, lanqas ma gew ippruvati. Il-konventa, dejjem taht il-premessa li hija qatt ma itterminat il-kuntratt tal-atturi, allegat  li l-atturi kienu qed jisirquha u dan ghax xi tlett ijiem qabel l-incident qaltilha hekk mpjegata taghha.  Illi pero’ din l-allegazzjoni ma giet pruvata bl-ebda mod. L-istess jinghad ghall-allegazzjoni l-ohra li l-attrici bdiet tghid kontra ommha dakinhar tal-incident. Julie Chalker u Shelley Polidano xehdu f’dan is-sens izda ghalkemm insistew f’din il-linja t-tnejn li huma ma setghux jiftakru x’kien il-kliem li ntqal. Huwa facli li wiehed jallega izda mbaghad biex jigi ppruvat hija haga ohra, u dan huwa

iktar sinifikanti meta l-mertu tal-kawza huwa ben oltre minn dawn l-allegazzjonijiet li lanqas isibu ebda soljev f'dawk li huma d-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti annessi man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom u mal-kontro-talba taghhom.

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **"Anthony Bezzina vs Saviour R. Attard noe"** (3 ta' Ottubru 1983 – Vol.LXVII.II.274) li huwa principju ta' importanza primarja fi kwistjoni ta' natura industrijali u fil-ligi tax-xoghol u cjoe' li l-impjieg huwa sagrosant u tkeccija ghandha tittiehed b'kawtela wara ezami bir-reqqa u bhala l-ahhar mizura wara passi ohra ta' dixxiplina. Illi certament dan ma sarx fil-kaz odjern.

Illi din il-Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda dubju li bil-komportament taghha u bi kliema l-konvenuta effettivament kecciet u tterminat l-impjieg tal-atturi mal-konvenuti u ma hemm l-ebda dubju li hija riditħom jitilqu ghal kollox minn fuq il-post tax-xoghol taghhom tant li lanqas biss ma ippruvat, lanqas wara zmien ragonevoli li tirranga s-sitwazzjoni wara li l-atturi telqu. Dan iktar jistona meta l-konvenuta stess qalet kemm kienet kuntenta bihom (apparti l-allegazzjonijiet kollha li ghamlet waqt il-kawza) u li qatt ma kellhom problemi fuq xoghol. M'hemmx dubju li kieku dan kien minnu zgur li l-konvenuta kienet taghmel xi haga biex tirrimedja izda *in verita'* hija ma riditħomx jibqghu jahdmu maghha u huwa car li l-allegazzjonijiet minnha vantati, kienu dawk li spingewha sabiex taqta' hesrem ma' l-atturi, kif fil-fatt din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li ghamlet, u l-unika konkluzjoni li tista' tittiehed minn dan kollu li effettivament il-konvenuta tterminat il-kuntratt li l-atturi kellhom maghha u ghalhekk il-premessi attrici gew taht dan l-aspett ippruvati.

Illi pero' apparti dan kollu trid bilfors issir referenza ghall-kuntratti ta' xoghol li kienu jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza. Illi l-klawsola (g) tal-kuntratti ta' l-atturi tiddisponi li:-

*"Without prejudice to clause a., should either party decide to terminate prematurely this agreement within the first*

*three (3) months of this agreement, effective from the 1st of April, 1995, for whatever reason, the defaulting party to this agreement binds itself to pay to the aggrieved party the sum of two thousand Maltese liri (Lm2,000) as a penalty."*

Illi mbaghad fl-addendum ta' l-istess kuntratti li jifformaw parti ntegrali mill-kuntratt datat 29 ta' Marzu 1995 fil-klawsola (a) ta' Dok. "C" (a fol.11 tal-process) hemm stipulat li:-

*"In this respect, the Owners hereby agree and accept that both the Executive Chef and the Assistant Chef can not be separated, dismissed or changed without the collective consent of the parties to this agreement, during its operation."*

Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jigi ribadit dak li intqal fis-sentenza **"Anthony Attard vs Dione Aquilina et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) li bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.*"

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi jintqal *inoltre* li "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw*

*ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).
Illi kwindi minn dawn il-klawsoli fil-kuntratti li gew iffirmati mill-partijiet fil-kawza odjerna jirrizulta li ladarba l-konvenuti keccew lill-atturi fit-terminu stipulat tat-tliet xhur mid-data li l-kuntratt (fatt mhux kontestat) gie effettiv u *in vigore* l-obbligu tal-konvenuti li huma tenuti li *ai termini* tal-istess klawsola precitata huma ghandhom ihallsu s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala penali. Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-atturi ma thallsux ghas-salarju minnhom indikat fic-citazzjoni attrici u fil-fatt il-konvenuti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma gabu l-ebda prova kontradittorja ghall-istess vantazzjoni u ghalhekk anke taht dan l-aspett it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi jinghad ukoll li l-atturi fic-citazzjoni taghhom talbu wkoll il-*commission* li wkoll kienu ftehmu fuqha fil-kuntratti msemmija. Illi pero' dwar din ma ngabu l-ebda provi u kwindi din it-talba ma tistax tigi milqugha proprju minhabba nuqqas ta' provi.

Illi rigward il-**kontro-talba** tal-konvenuti fejn talbu li jigi dikjarat li kienu l-atturi li telqu prematurament u kwindi huma ntitolati ghall-hlas tal-penali kif stipulati fl-istess kuntratti tax-xoghol *stante* li gie ppruvat proprju l-kuntrarju din ghandha tigi michuda.

## <u>V. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk fil-kuntest tac-citazzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u **tichad it-tieni u t-tielet talba** minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' in parte l-ewwel talba attrici** bis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici Pauline Caruana s-somma komplessiva ta' elfejn, mitejn hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,275) u lill-attur Paolo Colamarino s-somma komplessiva ta' elfejn, tlett mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,375) u dan *stante* li l-ammont ta' elfjen lira Maltija (Lm2,000) huwa dovut lil kull wiehed u wahda mill-atturi bhala penali minhabba li l-kuntratti ta' xoghol fuq indikati, gew terminati prematurament mill-konvenuti bla ebda raguni valida fil-ligi u ghalhekk hija dovuta mill-konvenuti lill-atturi s-somma bhala penali indikata fil-klawsola (g) tal-kuntratti citati mill-atturi fl-att tac-citazzjoni taghhom, mentri l-ammonti l-ohra hawn kanonizzati (u nkluzi fis-somom rispettivi fuq indikati u kanonizzati) jirraprezentaw il-hlas ta' salarju bejn l-1 ta' Mejju 1995 u l-15 ta' Mejju 1995 dovut rispettivament lil kull wiehed mill-atturi, fis-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm275) lill-attrici u is-somma ta' tliet mija, u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375) lill-attur, kif indikat fic-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez ta' l-azzjoni, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 1995 kontra l-konvenuti.

Illi ghar-rigward il-**kontro-talba tal-konvenuti,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-istess kontro-talba** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' l-istess kontro-talba kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------